MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Numru. 896/2007

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Simon Zammit, iben Alfonso, imwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu, 1967, karta ta' l-identita numru 140367(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'Mejju, 2006 u fil-ġranet u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi weera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew

sabiex qanqal tama’ jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b’qerq ta’ iktar minn Lm1,000 għad-dannu ta’ Frank Bartolo u it-tifel tiegħu Colin Bartolo;
2. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu, taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe’ approprja ruħu minn flejjes miġbura mingħand Frank Bartolo u it-tifel tiegħu Colin Bartolo, liema flejjes jammontaw għas-somma ta’ aktar minn Lm1,000 u li kienu japparjenu lill-istess Frank Bartolo u it-tifel tiegħu Colin Bartolo, u li kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu speċifikat minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amminstrazzjoni, kariga jew seervizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċessarju;
3. b’hekk ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża mposta lilu u mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta’ Ġunju, 2004;
4. talli sar reċidiv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta’ Jannar, 2002 u fl-24 ta’ Ġunju, 2004, rispettivament.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta’ Lulju, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodiċ Kriminali u l-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali relativament għal dak misjub fl-artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-'pre-sentencing report' li ġie eżebit fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2012 fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li l-imputat ħallas lura l-flus kollha u qed taħfer lill-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti l-akkuża tar-reġidiva ma tistax tiġi milqugħa billi ma saret ebda prova dwar dan.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Rat is-sentenza tad-9 ta' Ġunju, 2004 fejn l-imputat kien ġie ikkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal perjodu ta' erba' snin. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu ta' erba' snin jerġa jibda jiddekorri mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------